**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 58**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| | |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 57**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G57 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 57

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 57**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 57

2.01 2.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li mill-ħames membri tal-Kumitat Amministrattiv

Minuti KA Baħrija –

tal-Baħrija, s-Sra Marthese Cortis biss attendiet għal-laqgħa mitluba mill-Kunsill. Seduta numru B22

2.02 16.02 Is-Sindku informa l-laqgħa, li l-laqgħa ma' 'Transport Malta' kienet saret u li l-Kunsill kien ġie infurmat li t-tabelli ser isiru. Tabelli tan-*No Entry for Heavy Vehicles* fi Triq Ġorġ Borg Olivier

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku ppropona li jinxtraw numru ta' *CCTV cameras (D)* sabiex jiġu installati f'diversi żoni fejn qed ikun hemm rimi ta' skart illegali. Xiri ta' *CCTV cameras*

Fuq talba tal-Kunsillier Ian Vassallo, s-Sindku ppropona li jiġu installati wkoll tliet *CCTV cameras (D)* is-Saqqajja u oħra l-Ġnien ta' Għar Barka. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.02 Is-Sindku saħaq li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù li waslet sabiex tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur WM Environmental. Deċiżjoni meħuda mill-KA Virtù

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-8.05 ta' filgħaxija.

3.03 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru 50/0908/16 mibgħuta minn 'Transport Malta' dwar il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku fi Triq Borġ Olivier. Huwa qal li dan il-każ kien ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa li huwa kellu ma' 'Transport Malta'. Immaniġjar tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borġ Olivier

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li jsir immaniġjar tat-traffiku bi prova permezz ta' *traffic lights.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament li *t-traffic lights* isiru waħda fi Triq Ġorġ Borġ Olivier k/m Triq tal-Virtù u oħra Triq Ġorġ Borġ Olivier ħdejn 'Radju Marija' faċċata ta' Triq San Piju V. Il-Kunsill esiġa li jekk din il-proposta tidħol fis-seħħ, fl-ewwel ġimgħat għandu jkun hemm il-preżenza tal-*Enforcement Officers* ta' 'Transport Malta' sabiex jidderiġu t-traffiku.

**4.00 Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Hija ssuġġeriet li tiġi nominata s-Sra Romina Perici Ferrante. Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li s-Sra Romina Perici Ferrante tiġi nominata Deputat Segretarju Eżekuttiv. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 261 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 261

## 6.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14

6.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/086/14 għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat. Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' avukat - RLC/Q/086/14

## 7.00 Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15

7.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0153/15 għal xogħlijiet ta' *patching.* Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li din il-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15

## 8.00 Korrispondenza

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' riżenja tal-impjegata tal-Kunsill, is-Sra. Brendaline Attard.

Riżenja tal-impjegata s-Sra. Brendaline Attard

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jiskatta l-proċess biex il-vakanza maħluqa permezz ta' din ir-riżenja jibda minnufih u tiġi ingaġġata persuna fi skala 15. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sra. Brenadline Attard għall-impenn li wriet tul l-impjieg tagħha mal-Kunsill.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fid-8.50 ta' filgħaxija.

8.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0947/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Organizzazzjoni Volontarja *Natalis Notabilis*, sabiex fi żmien il-milied ittella' attività bl-isem ta' *Natalis Notabilis 2016.*

Talba organizzazzjoni volontarja *Natalis Notabilis*

Wara diskussjoni li saret is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-organizzazzjoni tingħata l-permess meħtieġ sabiex ittella' din l-attività u li tali attività tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill qabel li joħroġ il-permess għal din l-attività bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

**Għeluq ta' toroq:**

- Triq San Pawl tingħalaq mill-erbgħa ta' wara nofsinhar (4pm) fil-jiem tal-attività bil-kundizzjoni li l-organizzazzjoni tinforma bil-miktub lir-residenti kollha kif ukoll lis-sidien tal-kummerċ li ser jiġu affettwati minn dan l-għeluq.

- Kull ħin irid jitħalla aċċess għall-ambulanza u *fire engine*. Is-servizz tal-ġbir ta' skart ma jistax jiġi interrott u għaldaqstant irid jitħalla aċċess għall-*iscammel*.

**Parkeġġ:**

- Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jkun hemm *clearance* tal-parkeġġ mis-6 ta' Diċembru filgħodu sat-12 ta' Diċembru filgħaxija. Intant l-organizzaturi għandhom id-dover li jinfurmaw bil-miktub lir-residenti tat-toroq li ser ikunu affettwati minn dan il-*clearance*.

- Għall-ebda raġuni ma għandu jiġi ostakolat il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità u dak tal-ħatt (*un/loading bays*) li jinsabu fit-toroq indikati fil-permess.

- Il-*clearance* tal-parkeġġ irid isir mill-pulizija u jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

- Misraħ Anton Agius (Għalqa ta' Kola) trid titħalla kompletament libera għall-użu tar-residenti u tal-pubbliku inġenerali.

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat qabel li jagħti l-għajnuna tiegħu fis-segwenti:

- Il-Kunsill mhux ser joħroġ ebda tip ta' permessi oħra relatati ma' din l-attività lil terzi f'din iż-żona.

- Il-permess ikopri wkoll l-armar ta' sittin (60) *stall* b'esklużjoni għal *stall/bars* li jbiegħu kull tip ta' xorb kemm alkoħoliku kif ukoll dak mhux alkoħoliku. Dawn il-permessi ser jinħarġu wkoll bla ħlas. Il-Kunsill jitlob li jingħata lista dettaljata tal-bejjiegħa/esebituri għal kull *stall.* Hija fir-responsabbiltà tal-organizzaturi li jaraw li s-sidien tal-*istalls* ikollhom il-permessi meħtieġa skont il-liġi.

- Is-servizz ta' erba' *mobile toilets*

- Is-servizz ta' ġbir ta' skart tul il-ħamest ijiem tal-attività

- It-tbattil ta' 20 *litter bin* addizzjonali ma' dawk eżistenti

Il-Kunsill jesiġi wkoll li l-organizzazzjoni jagħmlu kuntatt mal-Kumpanija *Green MT* sabiex tiġi diskussa l-possibiltà ta' reċiklaġġ tul it-tlett ijiem tal-attività.

Il-Kunsill jesiġi li jitpoġġa l-*logo* tal-Kunsill u jinkiteb il-kliem 'bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat' fuq kull tip ta' reklamar li se jsir għal din l-attività u dan peress li l-attività ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat.

**9.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Ottubru – Diċembru 2016)**

9.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Ottubru – Diċembru 2016 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.

Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Ottubru – Diċembru 2016)

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru B24 u B25**

10.01 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B23 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Baħrija – Seduta numru B24 u B25

**11.00 Materji Oħra**

11.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li nitolbu lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport dwar l-istat li tinsab fih it-triq tal-Imtaħleb sa ħdejn il-villa ta' Mintoff. — Bżonn ta' manutenzjoni tat-Triq tal-Imtaħleb

Huwa saħaq li jekk mir-rapport tal-perit jirriżulta li din it-triq hi fi stat ta' rikostruzzjoni, għandha ssir talba lill-Ministeru għat-Transport u l-Infrastruttura. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.02 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li ż-zona tal-Imtaħleb wara s-*sub station* tal-*Go* tingħata l-konkos. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. — Bżonn ta' manutenzjoni fiż-żona tal-Imtaħleb

11.03 Il-Kunsillier Nazju Cassar saħaq dwar il-bżonn li jitnaddaf il-Wied tal-Fiddien. Ġie deċiż li ssir talba lid-Direttorat tat-Tindif peress li t-tindif tal-widien ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. — Talba sabiex jitnaddaf il-Wied tal-Fiddien

11.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-Imtaħleb minn wara l-antenna tar-radju 'l-quddiem hemm terrapien mormi. — Rimi ta' terrapien l-Imtaħleb

11.05 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi irringrazzja lill-kumitat tal-isports fi ħdan ir-Reġjun tat-Tramuntana u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-organizzazzjoni sabiex ittellat il-kompetizzjoni tas-sajd. — Kompetizzjoni tas-sajd organizzata mir-Reġjun tat-Tramuntana

**12.00 Data tas-seduta li jmiss**

12.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

12.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016

**(Iffirmata)** **(Iffirmata)**

**Charles Azzopardi** **Orietta Cardona**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**